**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA 21 ta' AWWISSU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **3.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 3.1.1 | | Ma kienx hawn ittri ta'apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **3.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 3.2.1 | | Fir-rigward ta'punt 2.4.2 - segretarji għas-sotto kumitati. Il-Kunsilllier Joseph D'Amato qal li l-Kunsilliera ghandom jiktbu lis-Sur Mario Fava fir rigward, biex jikkomunika hu f'isem il-Kunsill mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 3.2.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa lill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia għal liema fondi u proġett kien qed jirrefri f'punt 2.4.4. Il-Viċi Sindku qal li ser isaqsi fuq il-każ.. |
| | | |
| 3.2.3 | | Il-kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jaqbilx fuq li ċertu każijiet tittieħed deċiżjoni barra mis-seduta, b'ċirkolazzjoni ta' email biss. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta jkun hemm affarijiet b'urġenza bilfors ikollhom jintbagħtu emails, biex il-kunsill jonora d-deadlines tal-każijiet. Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ismijiet tat-toroq ried jistaqsi jekk kienx hemm qbil mill-maggoranza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha 5 emails ta' kunsilliera li qablu mal-każ. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 3.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tat-tieni seduta. |
| | | |
| ***3.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 3.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li<br>• fil-festa li għaddiet kien hemm kwistjoni fuq gabbana li kienet qedgħa quddiem ir-rampa tal-iskola. Hi ssuġġeriet li tali gabbana titressaq fl-ewwel post fil-kantuniera. Talbet għall-Kunsillier volontier li kien lest li jimmarka l-art fejn jarmaw il-gabbani flimkien mal-iskrivana li tieħu ħsieb tali permessi. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Kenneth Farrugia, Kaydem Schembri u Kyle Mifsud jieħdu dan l-inkarigu.<br><br>• Kien hemm qbil li lit-Terminus bar irid iħalli spazju biex ir-rampa tkun bla ostaklu.<br><br>• Kien hemm qbil li l-letrina tkun miftuħa sas-1:00 ta’ filgħodu waqt il-festa tul il-ġimgħa kollha.<br><br>• gabbana li ila ma tarma 5 snin, tixtieq li terġa tibda tarma fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li l-Kunsill iżomm mal-proċedura li ġaladarba ma ramatx, tibqa ma tarmax u titlef il-permess.<br><br>• li hawlker li jbiegħ il-ġelati jrid li jarma quddiem id-dar tal-arċipriet. Ma kienx hemm qbil fuq dan. Il-maġġoranza tal-Kunsill ma qblitx li jiżdiedu iżjed gabbani. Il-Kunsilliera Dino Bonnici, Kyle Mifsud u Kaydem Schembri kienu favur li tarma ġaladarba hi gabbana żgħira ħafna. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-bidu ta’ Triq Dun Gużepp Zammit jarmaw żewġ gabbani simili ta’ dan li jrid japplika issa u meta s-Segretarju Eżekuttiv iċċekjat sabet li gabbana waħda biss minn dawn referuti għandha l-permess tal-Kunsill. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jekk il-kunsill ta permess lil din il-gabbana zgħira wara li kien ħa deċiżjoni li ma jarmawx gabbani ġodda u jrid li dan li qed jipprova japplika illum ikollu l-permess li jrid. Imma jekk il-gabbana ż-żgħira ingħatat permess qabel ma l-Kunsill ħa d-deċiżjoni li ma jżidx aktar gabbani hu jirrevedi l-argument tiegħu u jżomm mal-maġġoranza tal-kunsilliera. - Il-maġġoranza ma qablux fuq dan.<br><br>F’dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia 18:45. |
| | | |
| ***3.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 3.4.1 | | Is-Sindku qalet li l-Viċi Sindku, talabha tressaq talba ta’ resident li għandu ċertu mard u li joqgħod fi Triq Ferdinando Falzoni biex issiru reserved parking quddiem ir-residenza tiegħu. Kien hemm qbil li dan ir-resident japplika formalment għar-reserved parking, ġaladarba mhux xi każ urġenti ħafna. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 3.4.2 | | Is-Sindku talbet biex isiru parking bays fejn il-ġnien tal-Ġibjun. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 3.4.2 | | Il-Kusnillier Kaydem Schembri qal<br>• Fi Triq il-Barrieri int u sejjer lejn il-kamra tan-nar meta saret it-triq bit-tarmak tħallha l-ġemb tat-triq biż-żrar. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'dik l-akwata l-Kunsill applika għal fondi biex isir proġett ta' tisbieħ.<br>• Fi Triq Hal Millieri hemm problemi tad-drenagg. Is-Sindku qalet li xahar ilu sar xogħol estensiv u l-problema tneħħiet. Kien hemm qbil lijekk mal-ewwel xita terġa tinħoloq l-istess problema, il-Kunsill jerġa javviċina lill-awtoritajiet konċernati.<br>• Tinzebah ħamra l-bankina fi Triq P P Saydon. Ma kienx hemm qbil.<br>• Sqaq it-torri isir pavimentar fih. – Kien hemm qbil li meta jkun lest mil-bini f'tali sqaq, il-każ jerga jitressaq għas-seduta.<br>• Isir water point bħal ma jkun hemm barra minn Malta u fejn l-Universita. Kien hemm qbil li jinġibu stimi ta'din is-sistema u il-każ jiġi deċiż f'seduta oħra.<br>• Biex Triq il-Qrendi tinbidlilha d-direzzjoni tat-traffiku tagħha minħabba li ħafna vetturi qed jispiċċaw jgħaddu minn triq dejqa għal fejn l-iskola. Wara diskussjoni kien hemm qbl li tinkiteb ittra lil kull resident biex nitolbu l-opinjoni tagħhom u wara titressaq it-talba lill-TM.<br>• Biex fi Vjal l-Indipendenza ssir zebra crossing. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qabel ma dan u ssuġġerixxa li tali zebra crossing issir viċin Triq San Martin fejn hemm ħajt ta' plot kbir. Kien hemm qbil li jittieħed permess minn TM.<br>• Biex isir bin fejn il ħanut tal pastizzi fi Triq P P Saydon – Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuggerixxa li jsiru 4 bins fi Triq P P Saydon u iehor fejn il-venda. Kien hemm qbil fuq dan. F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal ukoll li għandu jsir bin kull fejn hemm ħwienet tat-take away u dawn jintalbu biex jiġu finanzjati mill-isteess ħwienet.<br>• Vjal ix-Xarolla hemm bzonn li issir imqar tinda fuq il- bus stop, għax bus shelter ma tistax issir. Kien hemm qbil fuq dan u kien hemm qbil li dan il-każ għandu jitqajjem f'laqgħa li l-assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser tagħmel.<br>• Il-Kunsillier Kaydem qal li hu personali lest li jaħdem librerija pubblika simili għal dak li għamel l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli u jpoġġiha fi Ġnien it-tfal taż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq din l-inizjattiva.<br>• Progett ta' wied fulija – f'parti minnhu jsir dog park – kien hemm qbil li kif jibda il-proġett il-Kunsill jissuġġerixxi dan id-dog park.<br>• Biex fil-Mitħna tax-Xarolla l-Kunsill jagħmel mafkar tas-Sur Gorg Sammut, li kien l-kuratur ewlieni tal-Mitħna – kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li ssir plakka fuq ġewwa tal-mitħna meta jsir il-proġett.<br>• Triq ta' Ciantar jiżdiedu il-bozoz fuq arbli ġodda. Ma kienx hemm qbil.<br>• Fi Triq ta' Ciantar hemm arblu tal-Go perikoluż. Kien hemm qbil li jigi irrappurtat.<br>• Suġġeriment biex minn Triq Kalang Bugeja ma tkunx tistax iddur fuq il-lemin, |

| | | |
|---|---|---|
| | | imma toħroġ dirett għall-Vjal l-Indipendenza. - Kien hemm qbil li tali parti issir one way wara permess minn TM. |
| | | |
| 3.4.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia talbet<br>• Biex fil-Milied isir *christmas market* fil-Misraħ ta' Bubaqra. Kien hemm qbil li jinħoloq sotto kumitat bejn tliet kunsilliera involuti Tiffany Ann Farrugia, Marisa D'Amato u Kyle Mifsud.<br>• Biex l-art ta' Triq il-qiegħa isirilha enforcement u jigi obligat li jittella ħajt. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li m'hemmx liġi fuq hekk. Il-kunsillier Tiffany Ann Farrugia ser ticcekja fuq dan il-każ.<br>• Biex isir restawr tal-istatwa ta' Santa Marija ta' Bubaqra. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mad-Dipartiment ikkonċernat.<br>• Biex mar-roundabouts isiru reklami tal-kumpanija Remax. Ma kienx hemm qbil li jsiru reklami.<br>• Biex il-ġnein tal-Ġibjun jinqasam f'sezzjonijiet – tar-roti, annimali, blalen u bandli – ma kienx hemm qbil fuq din.<br>• Biex isir bus shelter fi Triq ir-rettur. – tinda biss. Dan is-suġġeriment ser jitqajjem waqt laqgħa li ser issir mill-AKL. |
| | | |
| 3.4.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato talbet<br>• Biex plot zdingata fi Vjal ix-Xarolla jittellalha ħajt biex jitatta l-eye sore li qiegħed viċin wisq tal-post storiku li għandna fiż-Żurrieq – Il-Mitħna tax-Xarolla. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-ġimgħa avviċinat lil sid l-art biex itella l-ħajt.<br>• Biex jiġi rrestawrat il-ħajt ta' barumbara privata fi Triq Bronja. Kien hemm qbil li min jaf lil sid il-barumbara jiġbidlu l-attenzjoni.<br>• Biex issir bandla għall-persuni b'diżabilita – is-Seretarju Eżekuttiv ġabret żewġ stimi. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Kenneth Farrugia jaraw fejn tista issir u jerġgħu jressqu l-każ fis-seduta li jmiss.<br>• Issuġġeriet biex barriera ta' wirt storiku li minna ittieħed il-materjal biex tinbena l-knisja taż-Żurrieq u li meta saret Triq il-Barrieri bit-tarmak, ġiet mirduma, terġa tinfetaħ u titgħatta bi ħġieġ ħalli tibqa tidher. Kien hemm qbil li l-kunsilliera D'Amato jmorru flimkien jaraw fejn hu l-post eżatt.<br>• Suġġeriment biex f'Misraħ Repubblika jsir parking bay bil-ħin stipulat għall-ipparkjar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jqajjem il-każ li kien qajjem snin ilu u li għalih ma ingħatax permess. |
| | | |
| 3.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qajjem dawn is-suġġerimenti<br>• Wera pjanta tal-Ġnien tal-Ġibjun u ssuġġerixxa li jsir dog park fil-ġnien fuq il-parti ta' wara. Kien hemm qbil li l-kunsill jitkellem mal-perit tal-Kunsill. ***Dok 6 mehmuż*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fir-rigward tad-Direttorat tal-Indafa Pubblika, qal lil dawk preżenti li meta jidentifikaw xi postijiet għat-tindif, jinforma lilu u jkun hu li jikkonsulta mad-Direttorat. Dan għaliex id-Direttorat għandhom budget tat-tindif u hu jkun irid jagħti l-prijoritajiet. Kien hemm qbil fuq dan<br>• Fir-rigward tal-indafa u l-ambjent, qal li jipretendi li s-Segretarju Eżekuttiv tinfurmaħ b'kull ilment li jidħol fil-Kunsill li jirrigwardja ż-żewġ suġġetti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li din hi ħaġa impossibbli, li meta jċemplu residenti tkun trid tinforma lill-kunsillier qabel ma tittieħed azzjoni. Hi qalet li dan hu kollu telf ta' ħin u bin-nuqqas ta' riżorsi u bl-ammont ta' xogħol li hawn fil-Kunsill, dan ser ikun aktar ta' piż u dewmien biex jinqdew ir-residenti u jissolvew l-ilmenti. Hi qalet li l-azzjonijiet kienu qed jittieħdu mill-ewwel biex iż-Żurrieq ikun aħjar u x-xogħol isir fl-inqas żmien. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia baqa jinsisti fuq dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min għada ser tavża lill-istaff ukoll biex jiġbru l-ilmenti u jibdew jgħadduhom lill-kunsillier inkarigat, hekk kif ikollhom konferma mingħandu li jistgħu jirrappurtaw, jirrappurtaw.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato ħarġet mis-seduta fit-20:30. |
| | | |
| 3.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato:<br>• ressaq lista ta' persuni li ser ikunu fis-Sotto kumitat tiegħu Kultura. Il-Kunsill approva lil persuni.<br>• Issuġġerixxa li t-triq ta' wara l-ġibjun tan-Nigret tissemma Triq il-Veduta - Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm ġebel u żrar fuq il-bankina viċin il-Ġnien tal-Ġibjun u li qed ikun ta' eye sore. Kien hemm qbil li jitneħħa mill-Kuntrattur tal-Bulky refuse.<br>• Biex jinxtara cover tal-katuba u frame tal-gong tal-orkestra Kien hemm qbil li jinxtraw.<br>• Hemm bżonn tindifa kbira fit-traffic island fi Triq Karmnu Zammit.<br>• Biex isiru bankijiet fi Triq Ħal Far fejn ikun hemm il-persuni b'karnaġġjon skur. Kien hemm qbil li jekk il-Kunsill ikollu bankijiet żejda milli jinqalgħu, jistgħu jitwaħlu fil-post indikat.<br>• Isiru sleeping policeman fi Triq Hal Far fejn kisra kerha. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq Filippu Farrugia. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara jekk ir-residenti jsibux oġġezzjoni u jekk le tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta fit-20:35 |
| | | |
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici talab li<br>• jiżdidu wifi f'kull ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kull ġnien fih is-sistema ta' Wifi b'xejn.<br>• Tiġi rranġata ħadida tal pirate ship li hemm fi Ġnien il-Ġibjun. Is-Segretarju |

| | | |
|---|---|---|
| | | Eżekuttiv infurmat li saret l-ordni għax-xogħol.<br>• Biex tiġi rranġata bankina li tizloq f'Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil li tali xogħol ikun inkorporat mal-proġett tal-misraħ<br>• Biex il-fondi li kien ma ntnefqux mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra xorta jintużaw f'Bubaqra. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li<br>• Hemm bżonn li titnaddaf Triq Wied Ganu – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li intbgħatu diversi email lill-Infrastructure Malta u lill-ERA.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq Santa Marija quddiem dar 'warda ta' Mejju' – Kien hemm qbil li jintalab l-approvazzjoni tar-residenti tal-faċċata u wara permess min TM.<br>• Biex tinbidel it-tabella tan-No parking fi Triq burlangasa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir attivita qabel jidħlu t-tfal l-iskola. Hu ssuġġerixa li ssir treasure hunt jew attivita sportiva. Kien hemm qbil biex il-Kunsilliera Kyle Mifsud u Kaydem Schembri jaħdmu fuq din l-attivita. |
| | | |
| ***3.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***3.5.1*** | | ***Rapport Pjan ta'Ħidma 2019 -2021 – rivedut*** |
| | | |
| **3.5.1a** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport tal-Pjan ta' Ħidma 2019 -2021 li kien tfassal fil-leġislatura preċetendti u li issa jrid jiġi rivedut qabel issir l-ewwel laqgħa annwali. L-ewwel laqgħa annwali trid issir skont il-liġi KAP 363 3A, wara l-ewwel tliet xhur li jkun ilu mwaqqaf il-Kunsill. **Dok 2 mehmuż.**<br><br>Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali ssir dak inhar tas-seduta tal-Kunsill li jmiss. Għal din il-laqgħa ser jitqassam avviż bieb bieb hekk kif titlob il-liġi. |
| | | |
| ***3.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 3.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br>***a)*** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand avukat, f'isem resident minn Triq Bronja fejn qed jallega li minħabba l-flexable bollards li sar f'nofs ta' triq, ir-resident qed isibha diffiċli biex jimmanuvra d-dgħajsa tiegħu 'barra mill-garaxx. Dan ir-resident qiegħed ukoll joġġezjana għall-ipparkjar ħażin ta' persuni li jmorru jixtru mingħand ħanut fil-viċin. L-avukat, f'isem ir-resident qed jitlob li l-bollard li hemm f'nofs ta' triq jitressqu biex ir-resident ikun jista joħroġ mill-garaxx u jsiru bollards quddiem il-garaxx tiegħu, biex ikun jista jħalli quddiemu vojt u tali bollards ikunu jistgħu jitneħħew mir-resident biss. Wara din l-ittra l-Kunsill irċieva ittra mill- Qorti fejn tat lill-Kunsill ġimgħa ċans biex iwieġeb. - ***Kien hemm qbil li tinkiteb ittra bl-avukat tal-Kunsill fejn jingħad li bollards quddiem il-garaxx qatt ma jistgħu jsiru, u l-*** |

***bollards ta' nofs it-triq saru bl-approvazzjoni ta' TM biex jitnaqqas il -periklu għan- nies u l-vetturi.***

***b)*** Is-Central Bank of Malta qed joffri sezzjonijiet ta' tagħlim fuq il-karti tal-flus u l-Kunsill intalab li joffri post addattat għal dawn is-sezzjonijiet. ***Kien hemm qbil fuq dan.***

***c)*** Il-Kunsill irċieva stedina biex isir clean up fir-raħal***. Kien hemm qbil li tali clean up isir fi Sqaq ta' B'xejn u l-akwata.***

***d)*** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand avukat f'isem residenta fi sqaq fi Triq Matteolo Saliba. Din ir-residenta trid li l-Kunsill ineħħi l-bollards li għamel fit-truf tal-isqaq, sabiex hi tkun tista tipparkja l-vettura tagħha fl-isqaq. ***Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb permezz tal-avukat, fis-sens li dak passaġġ u mhux post li tipparkja. Dak hu sqaq dejjaq u dawn huma kollha piki ta' residenti.***

***e)*** Il-Kumpanija OK Medical issuġġeriet li tagħmel sezzjonijiet ta' testijiet ta' smiegħ f'post allokat mill-Kunsill. Dawn it-testijiet ser isiru bla ħlas. ***Kien hemm qbil li tali sezzjonijiet jsiru fis-sala tal-Kunsill.***

f) Ġie ssuġġeriet li Triq il-Qrendi waqt il-ġimgħa tal-festa tar-raħal issir two way traffic. ***Kien hemm qbil fuq dan***.

g) Waqt laqgħa li saret fil-Kunsill mal-Kumitat ismjiet tat-toroq kien hemm qbil li parti minn Triq Santa Maria (il-parti mill-Knisja saċ-ċimiterju) tiġi msemmija Triq 15 ta' Awwissu. Il-Kumitat insista li tali parti tat-triq tissemma b'xi isem ieħor u mhu tibqa Triq Santa Maria, minħabba l-fatt li ser jingħataw in-numri lill-bibien u n-numri ma jistgħux ikun iddevjati f'żewġ naħat imma jridu jkunu kontinwi f'tul ta' triq waħda. ***Kien hemm qbil fuq dan.***

h) L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza sezzjonijiet ta' team building is-Sibt 5 ta' Ottubru.

i) Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hu membru fl-International Association of Peace Messenger Cities. Għal din is-sena l-Konferenza ġenerali ser tinżam f'Sarajevo fil-Bosnia. Fil-Kunsill preċedenti l-Kunsill dejjem kien ikun rappreżentat mill-Kunsillier David Abdilla. L-assoċjazzjoni lesta li tħallas l-ikel u l-akkomodazzjoni, flimkien mal-ivjaġġar mill-ajrupport għall-hotel u dak kollu li ser ikun hemm bżonn fil-post indikat għal żewġ persuni. Il-Kunsill irid joħroġ biss il-passaġġ tal-ajru. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li għal din is-sena, biex ikun jista jingħata hand over lis-Sindku Rita Grima, jitla magħha l-ex kunsillier David Abdilla***. Waqt diskussjoni l-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jaqbilx ma' din il-konferenza għax il-kunsill għandu fejn jonfoqhom il-flus. Hu qal li ma jaqbilx li jitla xi ħadd mill-kunsill għax il-kunsill minn din il-konferenza li ssir kull sena ma akwista xejn. Kunsilliera oħra oġġezzjonaw li jitla ex-Kunsillier. Wara diskussjoni kien hemm qbil li mas-Sindku jitla jew il-Kusnillier Kyle Mifsud jew il-Kunsillier Kaydem Schembri.***

j) Il-Kunsill kellu suġġeriment li t-trakkijiet tal-kostruzzjoni jibdew jgħaddu minn Triq Sant Andrija bħal ma jgħaddi t-trasport pubbliku, dan għaliex Triq it-Taħħan hi dejqa għat-trakkijiet. ***Ma kienx hawn qbil fuq dan.***

k) Kien hemm suġġerimenti anke mis-Soċjeta' mużikali Santa Katarina biex għal waqt il-ġimgħa tal-festa, Triq il-Qrendi issir two way traffic, minħabba l-fatt li dik iż-żona tkun qed timblokka t-traffiku kollu. Kien hemm qbil fuq dan.

| | | |
|---|---|---|
| | | l) Il-Kunsill irċieva ilment minn sid ta'għalqa fi Triq Ħal Far, li biex inghatat it-triq bit-tarmakk fuq qbil miegħu kienet ittieħditlu parti mill-għalqa bil-kompromess li issirlu gate ġdida. L-art ittieħditlu u l-gate ma saritx. ***Il-Kunsill qatt ma kellu ftehim li kien ser jagħmilha hu. Ma kienx hawn qbil li jagħmilha il-Kunsill.*** |
| | | |
| 3.5b | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali ħarġet skema ta' għoti ta' fondi li tlaħħaq it-3,193.64Euro biex jintużaw għall-proġetti fil-komunita'.<br>Il-Kusnillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li parti mill-ispiża tal-qsari li l-Kunsill irid jagħmel fi Vjal ix-Xarolla, titħallas minnhom.<br>Hu qal ukoll li hu flimkien mas-Sindku Rita Grima kellhom laqgħa ma' sezzjoni li tieħu ħsieb is-siġar fi ħdan Infrastructure Malta, fejn intalbu pjanti biex jissebbaħ ir-raħal. F'din il-laqgħa intalbu pjanti kbar biex jitħawlu ġol-qsari li ser jagħmel il-Kunsill fi Vjal ix-Xarolla, siġar għal Ġnien il-Ġibjun u Ħal Millieri. |
| | | |
| 3.5c | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret stimi ta' qsari kbar tal-konkos u plastik oħxon addattat għat-toroq, biex jitpoġġew fi Vjal ix-Xarolla.<br>**Stimi mehmuża Dok 3.** |
| | | |
| 3.5d | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva stedina biex jissieħeb f'Erazmus +. Dan hu proġett edukattiv li żgħażagħ Żrieraq jitilgħu barra minn Malta jipparteċipaw fi proġetti. L-applikazzjoni kienet tagħlaq fl-10 ta' Awwissu u fuq qbil tal-maġġoranza tal-Kunsillieri (permess ta' email), il-Kunsill applika. **Dok 4 mehmuż.** |
| | | |
| 3.5e | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill bi skemi ġodda li ħarġu mir-Reġjun Nofsinhar – waħda minnhom qed toffri elf ewro lil dawk li jużaw faċilitajiet fl-iskejjel wara l-ħinijiet normali tal-iskola. L-użu ta' dawn il-faċilitajiet irid ikun għal sessjonijiet ta' taħriġ sportiv/kultruali. – ***Il-Kunsilliera Kyle Mifsud u Kaydem Schembri ser jieħdu ħsieb l-attivita għat tfal***.<br>Skema oħra hi ta' għajnuna għal attivitajiet sportivi u mużikali organizzati mill-Kunsill Lokali. – ***Il-Kunsillier Joseph D'Amato ser itella kunċert mill-orkestra fl-iskola.*** |
| | | |
| | | |
| 3.5f | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-polza tal-assigurazzjoni ser tiskadi fl-1 ta'Settembru. Kien hemm qbil li terġa tiġi mġedda. |
| | | |
| 3.5g | | Is-Segretarju Eżekuttiv infrumat lill-Kunsill li jkun jaqbel li tinħareġ tender mill-Kunsill għall-manutenzjoni/bdil, ta' bankijiet, tabelli tat-traffiku, merja, bins, bandli u safety material.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***3.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 3.6a | | Dan il-punt ġie diskuss f'punt 3.4. |
| | | |
| | | |
| **3.6c** | | **SKEDA GĦAT-TLUGĦ TAL-BANDIERA FUQ L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL** |
| | | |
| 3.6c1 | | Dan il-punt ser jitqajjeb f'seduta oħra. |
| | | |
| **3.6d** | | **Żieda ta' Kennies fiż-Żurrieq.** |
| | | |
| 3.6d1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia li hu inkarigat minn dan il-qasam wera l-bżonn li jkun hawn aktar kenniesa fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 3.6d2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li skont it-tender li għandha l-kumpanija WM Env. Ltd prezz ta' żieda ta' kennies jiġi jiswa lill-kunsill 14,456Euro, filwaqt li impjegat mal-Kunsill jiġi jiswa 14,310Euro li jinkludi l-bonuses. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet linja gwida mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq jekk dan jistax isir u s'issa għadha mingħajr risposta bil-miktub. |
| | | |
| 3.6d3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma jaqbilx li ghandu jkun impjegat mal-kunsill. Hu qal li l-Kunsill għandu jara li l-Kuntrattur jimxi skont it-tender li ħa. Fit-tender hemm li jrid jiknes bil-mecchanical sweeper u dan mhux jintuża.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta tkellmet mal-kuntrattur infurmha li l-mecchanical sweeper ma jiġbidx karti u flixken tal-plastic, imma jiġbed trabijiet u weraq biss. Hi qalet li ikkonfermat dan ma' sidien ta' ħwienet li jbiegħu dan il-makkinarju u qalulha l-istess. Hawn il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dan hu kollu gideb. |
| | | |
| 3.6d4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ser jerġa jwiddeb lill-Kuntrattur u dan il-każ jerġa jitqajjem f'seduta oħra. |
| | | |
| ***3.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 3.7.1 | | Ġew approvati u l-Minuti tal-laqgħa Numru 22 tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. |
| | | |
| ***3.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 3.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€84,411.76.**<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ma jridx japprova l-ammont tas-servizz tas-soft areas u ġonna, minħabba li l-Kunsill qatt ma ra fjura fil-ġonna u soft areas, tisqija rari issir u nuruh ir-rapport tal-contract manager. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ma jistax ma japprovax ammont sħieħ ta' pagament għax-xogħlijiet saru żgur. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jagħtih warning u jnaqqas ammont ta' 5% mill-kontijiet ta' dan il-kuntratt. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Kaydem Schembri u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***3.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 3.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' SETTEMBRU, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _18___ ta' SETTEMBRU, 2019.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**